# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 9 ta' April, 2001**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 1155/94 JF**

**Albert Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Malta Shipbuilding Company Limited, Marsa Shipyard, Marsa.**

**vs**

**John H. Sorotos u John E. Sullivan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' J.B. Sorotto Limited – u din is-socjeta' bhala agent jew rapprezentanti f'Malta (u b'zieda**

**awtorizzata b'digriet tal-5 ta' Dicembru 1994) ta' Simonsen & Slang A.S. Time-Charterers tal-armaturi u / jew operaturi tal-vapur m.v. "IRAFOSS" – International Mercantile & Shipping Services, Exchange Buildings, Republic Street, Valletta.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur nomine importa f'Malta fuq il-vapur m.v. "IRAFOSS" "equipment" varju, spedit mis-socjeta' Norvegiza Ulstein International A S, ghall-uzu fuq Hull Numru 175;

U premess illi l-kariku tghabba mill-port ta' Ulsteinvik / Bergen fin-Norvegja skond liner Bill of Lading No. 1 u nhatt f'Malta fl-istess Tarzna tal-istanti nomine fit-23 ta' Awissu 1993;

U premess illi wara l-iskarikar gie skopert illi wiehed mill-"equipment", u cioe' l-"Main Switchboard", kellu hsarat konsiderevoli;

U premess illi dawn il-hsarat avveraw waqt il-kors tat-trasport marittimu u ghalhekk ghandhom jirrispondu ghalihom il-konvenuti nomine;

Talab li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-danni fuq imsemmija sofferti mill-attur nomine minhabba l-hsarat li graw fil-"Main Switchboard" destinat ghall-Hull 175, karikat fuq il-vapur m.v. "IRAFOSS", graw bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u tort tal-konvenuti nomine;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi, id-danni hekk subiti mill-attur nomine; u

3. Konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Lulju 1994, kontra l-konvenuti nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew hekk:-

1. Illi in linea preliminari mhuwiex car mill-atti tal-kawza min qed jigi mharrek bhala konvenut.

   a) F'Kaz illi l-attur qieghed jiccita lis-socjeta;' J.B. Sorotto Limited "de proprio" jigi eccepit illi din ma kellha l-ebda funzjoni fil-garr tal-merkanzija u kwindi ma tirrispondix ghat-talbiet attrici;

   b) F'kaz illi l-attur qieghed ifittex lill-armaturi u / jew aperturi tal-vapur m.v. Irafoss "in personam", jigi eccepit illi c-citazzjoni hija nulla stante illi ma gietx identifikata l-persuna in kwistjoni.

   c) F'kaz illi l-attur qieghed ifittex il-vapur "in rem", jigi eccepit in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fl-assenza tal-bastiment in kwistjoni hawn Malta.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal permess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt stante li mhumiex responsabbli ghall-ebda danni allegatament kawzati fl-apparat in kwistjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilta' tal-konvenuti hija limitata skond il-polza ta' kariku u l-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokument li gew esebiti;

Rat u ezaminat l-affidavits li gew ipprezentati u semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament il-verbal datat 15 ta' Dicembru 1994 (fol. 14) li in forza tieghu giet irtirata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti nomine wara korrezzjoni mitluba minn u akkordata lill-attur nomine u l-verbal tas-16 ta' Jannar 1998 (fol. 34 tal-process) li permezz tieghu l-partijiet qablu li ghalissa l-provi jkunu limitati ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ewwel talba attrici dwar responsabbilta';

Rat in-noti ta' riferenzi tal-kontendenti;

Trattata l-kawza riferibbilment ghall-ewwel talba dwar responsabbilta;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li l-attur nomine importa f'Malta fuq il-bastiment "m.v. Irafoss" apparat varju ta' natura elettro-teknika u li gie spedit lilu mis-socjeta' estera Norvegiza Ulstein International A.S.

Illi mill-polza ta' kariku (ara fol. 6 tal-process) jirrizulta li l-merkanzija de quo tghabbiet "clean on board" fit-30 ta' Lulju 1993 u li skond "notice of arrival" mahrug mis-socjeta' konvenuta – ara fol. 7 – dina waslet Malta fil-21 ta' Awissu 1993. In-"notice" hija datata jumejn wara, jigifieri fit-23 ta' Awissu 1993. L-operazzjoni tal-hatt u konsenja lid-destinatarju kienet hekk: wasal il-vapur fil-port kif fuq inghad, il-merkanzija tnizzlet permezz ta' "crane" tat-Tarzna ta' Malta, il-merkanzija tnizzlet u tghabbiet direttament fuq "trailer" u dan garrha f'mahzen tad-destinatarju taghha, jigifieri s-socjeta' attrici.

Illi kemm mix-xhieda ta' Joseph Cavallo u ta' Joseph Saetta, "store officers" mas-socjeta' attrici, u dik moghtija minn Lawrence Bonnici, Quality Manager u Carmel Azzopardi, Electrical Quality Controller, flimkien ma' dak li jemergi mill-"internal memoranda" redatti fis-26 ta' Awissu 1993 u dak in aggunta datat fit-3 ta' Settembru 1993 jirrizulta li l-"main switchboard" formanti parti mill-merkanzija de quo kienet giet ricevuta mis-socjeta' attrici fi stat danneggjat. Jirrizulta inoltre li l-apparat kien imqieghed fi speci ta' gagga ta' l-injam. Ix-xhud Cavallo osserva mill-ewwel li minn barra kien jidher *"bhal frak tal-plastic li kien jghatti l-'equipment'. …. Meta tnehhiet il-kaxxa osservajt hgieg imkisser, ghafsa u bhal daqqiet fuq l-'equipment".* Ix-xhieda l-ohrajn fuq imsemmija jikkorroboraw dan kollu. Cavallo kien prezenti biss fil-"container shed" u mhux fil-mument tal-hatt. Dwar il-mument tal-hatt

xehed pero' Martin Zammit, "tally clerk" imqabbad u prodott b'xhud mill-parti konvenuta. Issa huwa minnu li dan ix-xhud jghid li ma nnota xejn fil-merkanzija li mar biex jezamina fil-mument tal-hatt izda dan kompla jelabora in kontro-ezami li hu proprjament kien interessat *"mill-irjus tal-merkanzija",* jigifieri mill-kwantita' taghha u mill-bqija la kien jaf f'hiex kienet tikkonsisti u wisq anqas ma spezzjona l-merkanzija internament biex jara l-istat taghha kif kien. Sinjifikanti pero' t-twegiba ta' dan ix-xhud importanti, prodott mill-konvenuti nomine, ghad-domanda li saritlu mill-legali taghhom (fol. 52)

> *"Dr. L. Cassar Pullicino: Meta rajtha niezla (i.e. il-merkanzija) minn abbord osservajt xi haga mhux tas-soltu? Din tnizzlet minn 'crane', <u>kien hemm xi tisbita jew wagghet fin-nofs</u>?*
>
> *Xhud: <u>Ma nafx</u> ghaliex qed insemmi 1993" (sottolinear tal-Qorti).*

Illi fil-fehma tal-Qorti, li kieku sehhet xi haga bhal dik <u>suggerita</u> lix-xhud, l-istess xhud kien certament jiftakarha, imqar jekk ma nnutahiex bil-miktub, specjalment meta kien qed jigi mistoqsi proprju fuq l-istat tal-merkanzija fil-mument li giet spezzjonata minnu waqt l-operazzjoni tal-hatt.

Illi huwa minnu li l-ewwel darba li l-konenuti nomine gew informati li s-"switchboard" de quo kellu "packaging distorted" kien in data tal-15 ta' Ottubru 1993. Huwa minnu ukoll li skond l-artiklu 3, subartiklu 6 tal-Hague Rules, fin-nuqqas ta' "notice of loss or damage" bil-miktub da parti tar-ricevitur qabel jew fil-hin tar-rimozzjoni tal-merkanzija allura jfisser li,

> *"such removal shall be prima facie evidence of the delivery by the carrier of the goods as described in the bill of lading".*

Izda trattandosi ta' prezunzjoni prima facie, ifisser ukoll li jekk jingiebu, ghax ikunu tabilhaqq jezistu, provi kuntrarji li jwaqqghu tali prezunzjoni, ikun allura jista' jinghad ukoll li tezisti prova li tindika li r-responsabilta' kienet tassew tat-trasportatur u mhux tad-destinatarju. Fil-fatt ma tezisti l-ebda prova ta' xi htija da parti tar-ricevitur. Sar accenn fil-provi akkwiziti li l-imballagg ma kienx wiehed mill-ahjar fis-sens li kien hemm "spazju" bejn il-merkanzija u l-kaxxa li fiha giet imqeghda mill-esportatur, imma f'kull kaz jirrizulta li din giet mghobbija abbord fi stat tajjeb. Iseqwi mela li l-hsara riskontrata probabilment sehhet proprju waqt it-tragitt taghha abbord il-vapur "m.v. Irafoss" hija u titwassal Malta.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti nomine, tilqa' l-ewwel talba attrici kif dedotta a spejjez tal-konvenuti nomine. Billi din hija biss decizjoni in parte, b'dana li ghad fadal x'jigu decizi wkoll iz-zewg talbiet l-ohra konsegwenzjali, il-Qorti thalli l-kawza ghall-provi dwarhom, salv ostakolu ta' natura legali, ghas-seduta taghha tat-18 ta' Ottubru 2001 fil-10:15 a.m.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md